# NAZARET U L-FRANĠISKANI

Il-kelma "Nezer" tfisser *nebbieta,* inkella *warda,* li tfakkar fil-kliem tal-Profeta Isaija li jgħid: "Toħroġ nebbieta mill-għerq ta' Jesse u min-nebbieta tiftaħ warda", jiġifieri Ġesù Kristu. In-nies tal-Palestina daż-żmien isemmuha *Nasra,* li tfisser *rebbieħa,* donnu bħala egħliem tar-rebħa li Ġesù ta' Nazaret kellu jġib fuq id-dnub u fuq l-infern.

La fil-Għaqda l-Qadima anqas fil-kotba l-oħra ta' l-antik ma tissemma din il-belt. Il-fama tagħha kollha ħitha ġewwa fiha l-Verġni bla tebgħa Marija ħadet l-aħbar li kellha tkun Omm t'Alla, u fejn għoġbu jit-rabba l-Iben t'Alla li sakemm kellu tletin sena għex ġewwa Nazaret u hemmhekk għadda żogħżitu fost il-faqar u x-xogħol, bla magħruf ta' dak li tassew kien, ħlief minn Ommu Marija u San Ġużepp u għad li kien Iben ta' Alla kien jisma' minnhom.

Nazaret tinsab fuq l-iġbla, u tarġa' ġewwa ħofra ta' dawn l-iġbla. Għal-hekk hija mdawwra bil-għoljiet minn kullimkien minn barra minn naħa waħda, qisha qiegħda f'nofs ta' kuruna. Id-djar tagħha mibnijin minn ġebel abjad, u mdawwrin bis-siġar taż-żebbuġ tal-bajtar ta' l-Indja u tat-tin. Mill-bgħid tidher hekk sabiħa li dak li jkun qatt ma jixba' jħares lejha.

Imma, għad li Nazaret qiegħda f'qagħda hekk sabiħa, baqgħet bla ssemmiet, u minn fuq fl-antik kellha fama ħażina, għax kienet il-fehma tan-nies ta' ma' dwarha li ebda ħaġa tajba ma kellha toħroġ minnha. Imma wara l-fehma tbiddlet għax ġewwa fiha sar bniedem l-Iben t'Alla.

Nafu minn San Ġrolmu li għex fis-seklu IV li l-Insara kienu jmorru jżuru lil Nazaret, il-belt żgħira fejn trabba Ġesù. U kienu jmorru hemm Insara u nies kbar, u dan jidher għax għall-ħabta tas-sena 352, Ġużeppi Conti ta' Tiberja bena Bażilika kbira tal-Lunzjata. U biex jagħmel dan kien imwissi mill-Imperatur Kostantinu, li wegħdu li kellu jaqbeż għalih f'kull ma jkun jinħtieġ, wara li dal-Konti minn Lhudi kien qaleb Nisrani.

Fil-Medju Evu, nies magħrufin għall-għerf u għall-qdusija tagħhom, ħallew bil-miktub tifkiriet li jmissu l-qalb taż-żjara tagħhom. Inġibu hewn-hekk waħda fost ħafna, mit-tifkiriet li semmejna, imħollija minn Goffredu ta' Beaulieu, konfessur ta' San Lwiġi Re ta' Franza, u xhieda taż-żjara li għamel lil Nazaret dan il-qaddis. Il-kliem tiegħu huwa dan:

"Il-qaddis re, wasal Nazaret minn Seforis, lejliet il-Lunzjata. Malli lemaħ mill-bgħid il-belt imbierka, niżel minn fuq iż-żiemel u qagħad għar-rkubtejh u dam jitlob ħafna. Imba-għad baqa' sejjer bil-mixi u kien hu li daħal fil-knisja l-ewwel wieħed.

"Għad li r-re kien għajjien, għadda l-jum mingħajr ma kiel ikel ieħor ħlief ftit ħobż imxarrab fl-ilma. Qagħad bil-ġabra kollha għall-Għasar u għall-Matutin u għall-Quddiesa, kif jistgħu jistqarru dawk kollha li kienu hemm u raw b'għajnejhom. Wara li sama' l-Quddiesa li saret fl-artal tal-Lunzja-

ta, tqarben ukoll. Il-Quddiesa qaddisha Oddone ta' Fraskati, li kien Legat tas-Santa Sede, u fiha għamel ukoll Taħdita sabiħa."

* * *

Il-Bażilika l-antika, bi tliet navi, kienet saret ħerba għall-ħabta ta' l-aħħar tas-seklu XI. Għalhekk Tankredi, Emir tal-Galilija raġa' bniha fuq is-sisien li kellha qabel. Imma anqas laħqu għaddew għaxar snin li fis-sena 1263 is-sultan Bibars ma ġarrafhiex sa l-anqas ġebla. Mill-bini kollu ma kienx fadal ħlief il-Għar u l-Kamra żgħira ta' quddiemu li mbagħad kienet meħuda mill-Anġli l-ewwel fid-Dalmazja u wara f'Luretu, fejn għadha tinsab s'issa.

U fi żmien Bibars, meta ġrat din il-ħerba li qegħdin insemmu, kienu maqtula dawk l-Insara li kien hemm f'Nazaret li ma riedux jaqilbu Misilmin.

Wara li l-Kroċjata telqet mill-Palestina, il-Franġiskani biss baqgħu hemm, jistennew minn jum għall-ieħor kif kienu weħedhom qalb il-Misilman, li jsibu ruħhom maqtula. Li ma kienux huma, kieku ma kien jibqa' ebda atar ta' l-Insara ġewwa Nazaret. Għall-Franġiskani kien wisq għażiż Nazaret, għax dak kien fost l-imkejjen l-aktar għall-qalb San Franġisk. Tumas ta' Ċelanu li kien l-ewwel wieħed li kiteb il-ħajja ta' dan il-qaddis, igħid li San Franġisk kien wisq miġbud lejn il-belt fejn il-Kelma saret bniedem, jiġifieri lejn Nazaret.

Għalhekk wara l-ħerba li għamel Bibars, xi Franġiskani libsin ta' Għarab biex ma jingħarfux, xtraw u krew xi erba' griebeġ qrib il-ħerba tal-knisja. Meta mbagħad dehrilhom li sar il-waqt, biddlu l-libsa u xeddu ċ-ċoqqa. Imma fis-sena 1385 il-Misilmin tarduhom minn hemm. Imma reġgħu ġew fejn kienu fis-sena 1448.

Xi mitt sena wara l-Misilmin reġgħu għamlu għar-Rħieb. Uħud qatluhom u oħrajn laħqu ħarbu lejn Ġerusalemm. Imma qabel ma ħarbu, il-muftieħ tal-Għar tal-Madonna ħallewh f'idejn wieħed Nisrani jismu Għejsa, u widdbuh li jżomm musbieħ jixgħel dejjem ġewwa l-Għar, imbagħad ta' dan iħallsu l-Gwardjan tal-Franġiskani ta' Ġerusalemm.



**L-artal**
**fil-Għar tal-Madonna, f'Nazaret.**

Fis-sena 1620, il-Kustodju tat-Terra Santa, Patri Tumas ta' Novara, qala' minn għand is-Sultan Faħar id-Din li jista' jibgħat lir-Rħieb tiegħu jieħdu ħsieb il-ħerba tal-knisja u l-Għar ta' Nazaret. Imma fis-sena 1632 il-Misil-

min qabdu wieħed minnhom u xeħtuh il-ħabs, u wara sentejn qabdu u xeħtu l-ħabs lir-Rħieb l-oħra kollha. Wara ħafna ġimgħat ta' moħqrija l-Kustodju fdiehom minn taħt idejn il-Misilmin bil-ħlas ta' 5,000 frank, li għal dak iż-żmien kienet kemxa talbiża'.

Dan ma kienx biżżejjed. Wara li telquhom, ġiegħeluhom iħallsu l-flus talli ġewwa l-kunvent sabulhom qanpiena. Imbagħad il-Ħakem ta' Safed, li taħt idejh kienet l-art ta' Nazaret ġiegħelhom iħallsu flus oħra, talli, qal hu, niġġsulu l-art, billi xi darba kienu kielu l-laħam tal-ħanżir u xorbu l-inbid. Wara kollox, fis-sena 1632, il-Misilmin reġgħu tardu lil Franġiskani minn Nazaret u n-naqra ta' kunvent li kellhom għamluh maqjel għall-baqar u l-mogħoż.

Imma fis-sena 1721 il-Franġiskani reġgħu marru Nazaret u għammru ġewwa ftit griebeġ madwar il-ħerba li darba kienet il-Kunvent tagħhom. Fl-aħħar nett, fis-sena 1730 qalgħu minn-għand is-Sultan ta' Kostantinopli li jibnu knisja fuq il-Għar Imqaddes. Is-Sultan qalilhom li din il-knisja kellha tinbena fi żmien seba' xhur, u jekk ma tkunx ħelset sa dak iż-żmien ix-xogħol ikollu jieqaf. Għalhekk ir-Rħieb, għal knisja kbira, kellhom jibnu knisja żgħira u għaġġlu kemm felħu ħalli jkunu ħelsuha fiż-żmien li kien amarhom is-Sultan.

Dik il-knisja msejkna, żgħira u bla ebda żina, għadha hemm s'issa. Imma fis-sena 1924, meta f'Mejju mar il-Palestina l-Kardinal Giorgi biex ibierek il-Bażiliki l-ġodda tat-Tabor u tal-Ġetsemni, meta għamlulu laqgħa fil-bitħa tal-Kunvent ta' Nazaret, ħabbar li kienet ir-rieda tal-Papa ta' dak iż-żmien Piju XI, li tfittex tinbena l-Bażilka antika fuq l-Għar tal-Madonna f'Nazaret.

Issa, bħalma jaf kulħadd (jew għandu jkun jaf, għax din hi ħaġa li tmiss lill-Insara kollha), din ix-xewqa tal-Papa u ta' l-Insara ma ddumx ma tinqata', għax ix-xogħol għall-Bażilika l-kbira nbeda. Kienet ħaġa sabiħa u xierqa li jinbeda din is-sena, li hi egħluq il-mija minn meta l-Papa Piju IX xandar id-Domma tan-Nisel bla tebgħa tal-Madonna.

FRA ŻARENU, O.F.M.


**"LEĦEN L-ART IMQADDSA"**

**JIXTIEQ IS-SENA T-TAJBA LIL KULĦADD**

**Ma rridux nibdew ix-xandir ta' dan il-Qari qabel ma minn qalbna nsellmu lill-qarrejja tagħna billi nixtiequlhom is-SENA T-TAJBA, li ġà dħalna fiha. Iva, lil dawk kollha li jilqgħuna, lil dawk kollha li jidħkulna nixtiequlhom dak ir-Riżq, dak il-Hena, dak is-Sliem, li lill-erwieħ ta' rieda tajba kienu ħabbru l-Anġli t'Alla għat-twelid ta' Kristu-Messija fl-Għar ta' Betlem.**

**Minn dak l-Għar ta' Betlem tferrex id-DAWL, minn hemm ukoll tferrxet mad-dinja l-IMĦABBA. Dawl u Mħabba, għalhekk, jixtieq lill-Qarrejja tiegħu u lil kulħadd "LEĦEN L-ART IMQADDSA".**

**Id-Direzzjoni.**